# Il-Fided tal-Festa tal-Altar tal-Fratellanza tal-Karmnu

**Emmanuel Magro Conti**

Il-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta ġiet imwaqqfa fit-13 ta' Frar 1622. Dak iż-żmien il-knisja kienet għadha ma saritx Bażilika u rridu nirringrazzjaw lil dawn il-fundaturi membri ta' din il-fratellanza flimkien mal-patrijiet tal-kunvent tal-Belt Valletta li matul iż-żmien ħadmu biex tinfirex id-devozzjoni u tissaħħaħ u tkun magħrufa din id-devozzjoni li wasslet għall-mirakli u konverżjonijiet fost il-Maltin, l-Għawdxin u barranin residenti f'Malta. Dan kollu wassal biex il-Vatikan jagħraf u jikkonferma din id-devozzjoni speċjali Marjana f'gżiritna bl-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-kor fil-15 ta' Lulju 1881 u l-elevazzjoni tal-knisja għal Bażilika fit-13 ta' Mejju 1895 mill-Vatikan bid-drittijiet, unuri, obbligi u fuq kollox impenn akbar għat-tixrid ta' din id-devozzjoni Marjana f'kull wieħed u waħda minna li nħobbu l-Madonna tal-Karmnu.

Fost dawn l-ewwel membri ta' din il-fratellanza nsibu lil Passalaqua, negozjant kbir mill-Belt Valletta, li peress li l-familja tiegħu kienet mietet kollha qablu, ħalla kollox lil din il-fratellanza fosthom il-famuż ċintill li jintrama fuq il-vara għall-festa. Ta' min ifakkar ukoll li l-pedestall tal-fidda tal-istess vara ħallset għalih ukoll l-istess fratellanza fl-1931 biex tikkommemora il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni. Bosta kienu l-fratelli li bi ħġarhom wettqu opri ta' ħniena mal-oħrajn jew li ħallsu għal xogħlijiet fil-knisja imma speċjalment għall-armar tal-artal tal-fratellanza, liema fratellanza għadha soda sal-lum immexxija mir-Rettur Dr Mark Agius.

Il-fratellanza fil-Bażilika hija mwaqqfa fuq l-artal tal-Kurċifiss jew kif inhu magħruf bħala ta' Sant'Anjeże. Il-kwadru sar fl-1654 u ġie mħallas mis-Sinjura Anjeza Burges. L-artal tal-irħam prezzjuż, opra tal-arti marmistika jinkludi fih il-malakita ħadra aktarx minn Lyon fi Franza. Važun tal-malakita jinsab fil-mużew tal-Hermitage f'San Pietruburgu, ir-Russja, meqjus bħala kapriċċ kbir...anka għat-Tżar tar-Russja li kellu art u ġid li ma jissemmewx! Irħam rikk ieħor użat f'dan l-artal huwa l-lapislazuli ta' lewn blu skur li hekk imsemmi 'ħajt' jew vini fih ikunu tad-deheb li jinsab fi kwantitajiet żgħar l-aktar fl-Afganistan u huwa meqjus u jiġi mpartat/mibjugħ b'valur daqs id-deheb u xi kultant aktar fil-piż. Dan l-artal jidher li huwa tal-aħħar snin tas-seklu dsatax u kien ġie kkonsagrat mill-Isqof Pietru Pace fis-sena 1895. Dan l-artal huwa l-uniku artal fil-Bażilika li għandu t-Tabernaklu li fih jinżammu s-Sagrament Imqaddes.



L-Artal tas-Sagrament, magħruf bħala "ta' Sant'Anjeże"

F'Malta kull artal fi knisja għandu l-armar tiegħu, jew aħjar tibdiliet skont il-festa jew okkażjoni. L-armar ta' kuljum ikun ta' materjali xejn rikk: gandlieri tar-ramm, trieħi bil-'bizzilla' tal-magni eċċ. Għall-festi bħal Milied u l-Għid, il-gandlieri jinbidlu għal injam indurat, xi terħa bil-bizzilla ta' Malta. Imma fil-festa titulari l-artali jinbidlu f'kumpless ferm rikk hekk kif inhu xieraq biss għas-Sinjur u Feddej tagħna li fuq dawn l-artali kien isir is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Gandlieri u tagħmir ieħor tal-fidda, trieħi tal-bizzilla sa tlieta fuq xulxin kif suppost, terħa tal-bellus ħamra irrakkmata bid-deheb eċċ.



Dettall ta' wħud mill-fided armati fuq l-artal tas-Sagrament fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu

L-aktar oġġett tal-fidda antik li jintrama fuq l-artal imsemmi huwa s-sett tal-Karti Glorja. Qablu żgur kien hemm xi sett ieħor. Il-Karti Glorja kienu jintużaw għal waqt il-quddiesa u kienu jew jitneħħew jew jitpoġġew taħt it-terħa wara l-quddiesa. Fuq il-'karta' l-kbira li tintrama fin-nofs tal-artal ikun fiha għadd ta' talb bħal *Gloria, Munda cor Meum* (li tingħad qabel il-Vanġelu), il-Kredu, is-*Suscipe* (offertorju) eċċ. Il-'karta' tax-xellug ikun fiha l-Vanġelu minn San Ġwann (1:1-14) waqt li dik tal-lemin ikun fiha t-talb tal-*Deus qui humanaæ substantiæ* (għat-tberik tal-inbid u l-ilma) u l-*Lavabo* (il-ħasil meħud mis-Salm 26:6-12). Oriġinarjament, dawn il-Karti Glorja kellhom dawn it-talb miktub bl-idejn b'xi fjuri jew minjaturi bħala dekorazzjoni fuq il-parċmina li sfortunatament xi ħadd, sintendi bi skop tajjeb forsi - nisperaw, bidel ma' dawk preżenti, karti mitbugħa kummerċjali tas-seklu dsatax. Il-valur kumplessiv naqas minħabba dan l-att u wieħed ma jistax ma jirrabbjax għal din id-deċiżjoni aktar u aktar meta nikkunsidraw li dawn il-Karti Glorja magħmula minn arġentier Malti huma ta' stil Rokkoko - Barokk estrem, li għalkemm hemm is-simetrija minn naħa għal oħra, xorta hemm id-differenzi. Dan l-istil kien popolari ħafna fil-Ġermanja u f'Malta ma tantx qabad u meta ntuża kien pjuttost tard. Ftit li xejn insibu arkitettura, għamara u fidda f'dan l-istil magħmula mill-Maltin. Karatteristika oħra ta' dan l-istil hu l-użu tal-bebbux marittimu u skrolli qishom mewġ. Meta ntuża, kien ristrett ħafna, kważi beżgħu jazzardaw jesprimuh kif suppost għax kienu wisq marbuta mal-barokk jew għax kien bil-wisq aktar impenjattiv kemm fid-disinn u fl-eżekuzzjoni, kien x'kien id-daqs u l-materjal. Dawn il-Karti Glorja però, imorru kontra n-norma Maltija u huma ferm akkademiċi ta' livell tajjeb ħafna. Fuq il-karta l-kbira nsibu li dawn saru mill-fratellanza fl-1790 permezz ta' din il-kitba:

VENERANDA
MONTIS CARMELI SODALITA
ARGENTUM
CONFRATRES AUTEM FORMAM
DEDERUNT
1790

Insibu l-arma antika tal-knisja, il-*Flos Carmeli* inkurunat u immaġini tal-Madonna tal-Bambin Ġesù jagħtu l-Labtu kollha differenti fuq nett ta' kull karta. Ix-xogħol huwa żbalzat mhux ġettat (bil-forma) u ried isir kollox min-naħa ta' wara u fl-aħħar illustrat minn quddiem. Faċli tgħidha…xogħol ta' paċenzja u kapaċità wisq aktar. Naraw fuqhom żewġ marki distinti li huma dik tal-kwalità tal-fidda - M b'kuruna magħluqa li tfisser li l-fidda użata hija ta' livell ta' Malta, f'kelma waħda ta' 10 ½ denieri minn



Il-Karti tal-Glorja li jintramaw fuq l-artal tas-Sagrament għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu

skala ta' finezza ta' 12. Insibu wkoll żewġ marki tal-Gran Mastru Emmanuel Maria de Rohan (1775-1797), dik tal-maqrut b'kuruna fuqha u għasfur itir li kienu jintużaw flimkien fi żmien dan il-Gran Mastru biss. Il-marka tal-arġentier sfortunatament ma tidhirx. B'dawn il-marki flimkien neskludu li dawn il-karti glorja jistgħu jkunu xogħol barrani għax meta jintużaw flimkien, riedu jkunu saru Malta. Il-marka tal-kwalità tal-fidda Maltija (10½ denier) hija xhieda oħra ta' xogħol Malti peress li ebda pajjiż Ewropew ma kien juża dan il-livell ta' fidda u din il-marka distinta għalina.





Dettalji ta' dawn il-karti tal-Glorja

Artal bħal dan jistħoqqlu Ventartal prim li l-fratellanza ħasbet għalih f'Jannar tal-1816. Apparti referimenti fil-kotba tal-fratellanza, fuq wara ta' dan il-vent artal insibu skrizzjoni miktuba bil-lapes li tiddokumenta l-ismijiet tal-fratelli li ġew eletti biex jassistu f'din l-opra kif ser naraw:

Commissari Eletti per Consulta tenuta
Il 10 e 17 Gennaio 1816 Per assistere nella
Presente opera
Annetto Chicaci Rettore
Baldassere Busuttil 1mo. Assistente
Giovanni Scicluna Pro Genniale
Saverio Micallef Console
Michele Caruana
Filippo Versin
Fatta dal Maestro Paolo
Schembri A. D. 1816

L-użu tal-Ventartal fil-knejjes imur lura sew fiż-żmien tal-anqas fi żmien il-Medju Evu. Ikun x'ikun il-materjal, hux drapp, injam, metall eċċ., dejjem ried ikopri jew aħjar jgħatti l-faċċata tal-artal kollha kemm hi. Jidher li l-Ventartal huwa xi ħaġa dekorattiva biss, imma nsibu li oriġinarjament il-Ventartal kellu forma ta' purtieri li kienu jgħattu r-relikwi tal-qaddisin taħt il-mensa tal-Artal li bihom l-artal ikun ikkonsagrat. Matul iż-żmien, dawn il-purtieri nbidlu fil-ventartal kif nafuh illum. Hawn Malta għandna numru antiki sbieħ fosthom tal-ġilda mpittrin u indurati. Oħrajn il-qafas ikun tal-injam indurat bil-fond bi drappijiet fini u rikki bħal *Kavanazzo d'Oro* b'xi eżemplari jkollhom il-qafas tal-fidda u mhux tal-injam indurat. Imma l-aktar li fihom għaxqa huma dawk tal-fidda sbalzata, li xi wħud minnhom għadhom bl-isfond tal-bellus aħmar.

Sintendi, din il-'moda' ta' Ventartali tal-fidda ħarġet mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għal madwar Malta. Hasra li Napuljun kaxkarhom u dewwibhom…tlifna patrimonju kbir.

Id-disinn ta' dan il-Ventartal huwa Barokk imma b'arja Rokkoko li kif spjegajna waqt li ttrattajna l-Karti Glorja, artisti Maltin qishom żammew lura kemm jista' jkun li jesprimuh totali. B'hekk dan il-Ventartal huwa eżempju ta'



Dettal mill-Vintartal li jintrama fuq l-artal tas-Sagrament

dan l-argument. Insibu li l-opra hija miżmuma minn arzell marittimu fuq kull ġenb u madwar il-medaljun tan-nofs li juri lill Madonna bil-Bambin jagħtu l-Labtu lil San Xmun Stokk u lil Santa Tereża d'Avila. Fin-nofs eżatt fuq dan il-medaljun insibu din l-iskrizzjoni:

SODALITATIS
STUDIO ET EXPENSIS
ANNO MDCCCXVI

Biċċa xogħol bħal din tkun magħmula minn għadd ta' biċċiet li kull waħda skont is-sena riedet tkun punzjonata bil-marka tal-arġentier u dawk uffiċjali. Jidhru żewġ gruppi ta' marki, biss sfortunatament huma mħassrin ħafna bit-tindif. Ġeneralment, il-marki jkunu mgħottija bil-biċċiet l-oħrajn tal-fidda jew ikunu fuq in-naħa ta' wara. Xi darba, għalhekk dawn il-marki, waqt xogħol ta' restawr għad joħorġu. L-isem Paolo Schembri jidher reġistrat darbtejn fil-lista ta' arġentiera Maltin, li jistgħu jkunu jiġu minn xulxin aktar u aktar għax it-tnejn li huma kellhom żewġ marki li waħda minnhom tixxiebaħ ferm (P. u immaġini ta' Torri). L-ewwel darba li nsibu lil Paolo Schembri rreġistrat li ġie mogħti liċenzja ta' arġentier kien fis-27 ta' Marzu 1774. Meta sar dan il-Ventartal kellu bejn wieħed u ieħor mas-sebgħin sena u ma naħsibx li kien ser jidħol għal biċċa xogħol bħal din. It-tieni Paolo Schembri kien ġie mogħti l-liċenzja fl-1803 u fis-26 ta' Ġunju 1820 saħansitra laħaq Konslu tal-Arġentiera Maltin. Jien naħseb li dan tal-aħħar kien responsabbli għax-xogħol ta' dan il-Ventartal, li żgur kien ta' eżempju tal-ħila tiegħu biex laħaq Konslu tal-Arġentiera erba' snin wara.

It-Tabernaklu l-kbir, li kważi jieħu l-forma/rwol tal-Kanupew huwa ferm interessanti. Aktar 'il fuq semmejna li l-knisja ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika fl-1895. Dan kien jirrekjedi li jitneħħa l-Artal Maġġur, li flimkien ma' dak tal-Kor kienu nxtraw mill-Parroċċa tal-Mellieħa fejn għadna nistgħu narawhom. Minflok il-Maġġur li kellu t-Tabernaklu, saret it-Tribuna imma issa nħolqot problema. Fejn sejjer jitqiegħed is-Santissimu Sagrament fil-Bażilika? Hawn niġu għar-raġuni għalfejn inbidel l-artal tal-Kurċifiss/Sant'Anjeza li ġie kkonsagrat fl-1895 u li fih jinkorpora t-Tabernaklu. Parti mill-armar tal-Artal Maġġur fil-jiem tal-festa kien dan it-Tabernaklu kbir li kien jitqiegħed quddiem it-Tabernaklu tal-irħam u jirkeb is-sekonda u jaħbat eżatt mal-iskannell tal-Prima.



It-Tabernaklu tal-fidda

Ix-xogħol ta' dan it-Tabernaklu jurina id aktarx Franċiża tal-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Xogħol tassew rikk, fin għall-aħħar u meqjus li ma tantx wieħed jista' jarah u josservah minn taħt l-Artal, kollu simboli tal-Ewkaristija Mqaddsa, il-ġmiel tagħhom! Waqt l-osservazzjoni ħareġ iżda li









Dettalji tat-Tabernaklu

dan ix-xogħol hekk prezzjuż, kien ġie modifikat darba darbtejn minn id Maltija. Fuq naraw kuruna, wkoll partijiet minnha modifikati. Dawn il-modifiċi saru biex jiġi akkomodat fuq l-artal il-ġdid tal-Kurċifiss/Sant'Anjeza. Il-fetħa tal-bieb tat-Tabernaklu wkoll ġiet modifikata probabbilment minħabba li l-bieba stess tat-Tabernaklu tinqala' u titpoġġa fuq dan it-Tabernaklu kbir għal jiem tal-festa. Għalfejn dal-kobor ta' Tabernaklu?

Ir-risposta hija sempliċiment minħabba l-ammont ta' Tqarbin matul il-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu u ż-żieda ta' pissidi tat-Tqarbin.

Kull artal, il-qofol tal-armar tiegħu huma l-gandlieri. Il-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu ħasbet biex tforni lil dan l-artal b'sett pjuttost rari fin-numru li jikkonsisti f'sett ta' sitta prima u gandlier għas-salib, sett ta' sitta sekonda u sett ieħor tat-terza. Id-disinn ta' dawn il-gandlieri huma tal-Bormliż Abram Gatt u x-xogħol sar għand il-kumpanija minn Milan, Antonio Ghezzi u Figlio. Kull gandlier huwa mmarkat bil-marki ta' Ghezzi u l-marka tal-assay ta' Milan.

Dan is-sett jidher li sar fil-bidu tas-seklu għoxrin. Wieħed għandu jammira kif għalkemm insibu tliet daqsijiet ta' tul, l-artisti responsabbli mill-proġett żammew ma' disinn wieħed li ċekknuh għad-daqsijiet iżgħar tal-gandlier iżgħar bla ma tilfu xejn mid-disinn tal-gandlieri l-kbar.



Il-Gandlieri tal-fidda tal-artal tas-Sagrament





Dettal tal-Gandlieri u s-Salib tal-Prima

Il-par gandlieri żgħar, hekk imsejħa tal-konsum, huma aktarx ta' fattura Franċiża ta' lejn l-aħħar tas-seklu dsatax bil-bokkini miżjuda li jġibu l-marki PJ, salib ta' Malta u l-ittra F. Dawn il-marki jfissru li l-arġentier kien Joseph Pirotta li kien ġie mogħti l-liċenzja ta' arġentier fil-5 ta' Novembru 1929.

Il-marka ta' assay ta' Malta, is-salib ta' Malta fi sfond tond huwa dak kif addottat wara l-1 ta' Diċembru 1920 u l-ittra F turi l-finezza tal-fidda għad li fiż–żminijiet li qed nitkellmu dwarhom kienet inqatat li turi l-kwalità tal-fidda permezz tal-ittri u kienu bdew jużaw numri sħaħ bħal 800, 917, 925 eċċ.

L-aħħar biċċa xogħol fil-fidda li saret mill-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu għal dan l-artal huwa s-sett ta' għaxar vażuni jew ġastri li jintramaw bejn il-gandlieri.

Huma mmarkati b'isem l-arġentier - G. Pirotta li huwa l-istess arġentier deskritt li għamel il-bokkini tal-gandlieri tal-konsum. Il-finezza tal-fidda hija murija bħala 917 (minn 1000 parti) u nerġgħu nsibu s-salib ta' Malta fi sfond tond, il-marka tal-assay ta' Malta. Fuq wieħed minn dawk il-vażuni nsibu din l-iskrizzjoni:

SODALICUM
A BVM DE M.CARMELO
MVMNCV PATUM
ANNO LXXV
A CORONA AVREA EIDEM B.V.M.
SOLEMMI RITV IMPOSITA
AMORIS CAUSA DONAVIT

Minn din l-iskrizzjoni naraw li dawn il-vażuni saru mill-fratellanza biex ifakkru l-ħamsa u sebgħin sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru, f'kelma waħda fis-sena 1956.

Kif rajna, meta wieħed josserva dak li kkumentajna dwaru hawn fuq dwar il-fidded ta' dan l-artal insibu xhieda ta' devozzjoni ta' madwar mitejn sena. Niftakru f'missirijietna li stinkaw biex għamlu dawn l-opri li ta' kull sena narawhom, ngħidu forsi kemm huma sbieħ u…xejn aktar. Nitgħallmu napprezzaw aktar biex b'hekk il-kultura ma tonqosx fina. F'dan l-artiklu, ma semmejniex affarijiet oħra ta' tagħmir tal-artal bħalma huma l-ganutell u bosta triehi, imma ffukajna biss fuq il-fidded biss minħabba spazju. Il-fratellanza għandha għadd ta' opri oħrajn ukoll tal-fidda li mhumiex tagħmir ta' fuq l-artal. Jekk Alla jrid, sena oħra nitkellmu fuq dawn l-opri.



Il-Vażuni tal-fjuretti





SOAP BOX *Detergents*

2, Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun *(Ħdejn Radio Galaxy)*

Mob: 7977 7723

- *Special Offers every Monday*
- *Very Discounted Prices*

OPENING HOURS:
Mon – Fri : 08.00 – 13.00, 16.00 – 19.00
Sat : 08.00 – 13.00

FOOD BOX *Self Service*

11, Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun
*(Ħdejn Radio Galaxy)*

Mob: 7977 7723

OPENING HOURS:
Mon – Fri : 06.00 – 13.00, 16.00 – 19.00
Sat : 06.00 – 13.00

